2 ta' Ġunju, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Oscar Busuttil ne. *versus* Giuseppe Camilleri ne.

**Kompetenza — Valur — Lokazzjoni —**
**Art. 748, 756 (a) u 758 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-kompetenza ma tiddependix biljors u unikament mit-talba ta' l-attur, imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-każ, mill-eċċezzjoni tal-konvenut.*

*Il-valur inċert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, u jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat, fost oħrajn, il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba ta' l-attur u lanqas jista' jiġi determinat bil-modi msemmijin mill-istess liġi. Imma*

*ma huwiex kontra l-liġi illi l-konvenut, għall-finijiet tal-kompetenza, jiddetermina huwa, meta jista', dak il-valur.*

*F'każ ta' kontestazzjoni dwar l-eżistenza jew le tat-titolu ta' lokazzjoni, il-valur jiġi stabbilit billi jingħadd il-kera kollu li għalih il-kuntratt għandu jibqa' jseħħ, jew, meta l-kiri ma jkunx sar għal żmien determinat, mis-somma tal-kera ta' kull rata.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzoni li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw bla titolu u prekarjament id-dar ta' proprjetà ta' l-imsemmi Chevalier Bianchi, f'Balzan, Three Churches Street, no. 26, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, talab illi l-konvenuti jiġu kundannati biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom fissat minn dina l-Qorti jiżgumbraw l-imsemmija dar 26 Three Churches Street, Balzan, u jirrilaxxjawha favur l-attur nomine; u dan għar-raġunijiet premessi, salv lill-attur nomine kull dritt lilu talvolta kompetenti skond il-liġi kontra l-konvenuti jew min minnhom. Bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione praetii", sollevata mill-konvenut;

Illi, kuntrarjament għal dak li jissottometti l-attur, il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur, imma tista' tiddependi wkoli, fejn ikun il-każ, mill-eċċezzjoni tal-konvenut. Skond il-liġi, il-valur inċert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata, u jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat, fost oħrajn, il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba ta' l-attur, u lanqas jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi mill-istess liġi (art. 748 Kod. Proċ. Ċiv.). Dan ifisser illi għandu jitqies illi jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata l-valur inċert jew indeterminat, jew indeterminabili; u mhuwiex kontra l-liġi illi l-konvenut, għall-finijiet tal-kompetenza, jiddetermina, meta jista', dak il-valur; u f'dan il-każ il-kompetenza ma tiġix tiddependi mit-talba ta' l-attur, imma mill-eċċezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi l-kontendenti jaqblu illi l-kwistjoni nvoluta f'dina l-

kawża tirrigwarda l-eżistenza jew le tat-titolu tal-lokazzjoni għand il-konvenuti tad-dar imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, li hija fond urban. Il-liġi tiddefinixxi kif għandu jiġi stabbilit il-valur f'każi dwar l-eżistenza ta' kuntratt ta' kiri, u tiddisponi illi dan il-valur għandu jiġi stabbilit billi jingħadd il-kera taż-żmien kollu li għalih il-kuntratt għandu jibqa' jseħħ, meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat, jew, meta l-kiri ma jkunx sar għal żmien determinat, mis-somma tal-kera ta' kull rata (art. 756 (a), 758 (1) Kod. ċit.);

Illi irriżulta li l-kera tal-fond fuq imsemmi, aħmenu mill-ewwel ta' Awissu 1935 sal-31 ta' Jannar 1940, kien ta' £13 fis-sena, u jitħallas bis-sena bil-quddiem; imma mill-ewwel ta' Frar 1940 'il hawn, jew aħmenu sal-31 ta' Lulju 1951, għad li dak il-kera baqa' £13 fis-sena, beda u baqa' jitħallas bis-sitt xhur bil-quddiem, jiġifieri bir-rati ta' £6. 10. 0 il-waħda, kif jidher mid-dokument "X" (fol. 12) u d-depożizzjoni tal-konvenut (fol. 38). Ma jirriżultax illi l-kiri sar għal żmien determinat, u għalhekk għandu jitqies illi l-istess kirja ġiet imġedda, rigward iż-żmien, għaż-żmien li għalih hu meqjus il-kera (art. 1625, 1621 (a) Kod. Ċiv.), jiġifieri għal sitt xhur, jew għal rata ta' £6. 10. 0;

Illi għalhekk il-valur f'dina l-kawża huwa dak ta' £6. 10. 0; liema valur huwa ta' kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione praetii" sollevata mill-konvenut, u hekk tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur.